MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta ta' l-14 ta' Dicembru, 2011

Citazzjoni Numru. 583/2011

**Connie Zammit**

**-vs-**

**Mario Spiteri**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fl-20 ta' Ġunju 2011 li permezz tiegħu l-attriċi ppremettiet:

**Dikjarazzjoni tal-fatti**

Illi r-rikorrenti hija proprjetarja tal-fond 35 "Shakespeare House" Triq Polverista, Cospicua, liema fond kien mikri lil ċertu Gerald Demanuele li miet reċentament u li kien l-uniku persuna rikonoxxuta fil-kirja;

Illi meta r-rikorrenti marret biex titlob iċ-ċavetta tal-fond imsemmi lil qraba tal-mejjet Gerald Demanuele sabet lill-intimat daħal u okkupa l-imsemmi fond mingħajr ebda awtoriżżazzjoni jew rikonoxximent lill-intimat bħala li jgħix fl-imsemmi fond u għalhekk permezz ta' ittra datata 12 ta' Jannar 2011 avżatu sabiex jivvaka l-imsemmi fond u jikkonsenja ċ-ċavetta tal-istess fond vojt u battal;

Illi minkejja li l-intimat irċeva l-ittra hawn fuq indikata tant li huwa ffirma għaliha kif jidher mill-anness document huwa baqa' ma rritornax iċ-ċavetta tal-imsemmi fond, anzi pproċeda biex jiddepożita l-kera taħt l-awtorita' tal-Qorti permezz ta' ċedola numru 121/11 liema ċedola hija kontra l-liġi għaliex huwa qatt ma kien rikonoxxut li kellu xi titolu validu skond il-liġi wisq anqas dak ta' kera u lanqas qatt ma b'xi mod offra l-kera lir-rikorrenti;

Illi għalhekk fil-fehma tar-rikorrenti l-intimat m'għandux eċċezzjonijiet xi jressaq;

Illi dawn il-fatti kif hawn dikjarati huma a diretta konoxxenza tar-rikorrenti.

**Raġuni għat-talbiet f'dawn il-proċeduri**

Ir-rikorrenti qatt ma kriet il-fond 35, "Shakespeare" Triq Polverista Cospicua lill-intimat jew b'xi kwalunkwe mod qatt irrikonoxxietu fl-imsemmija fond u wara li miet Gerald Demanuele l-intimat qabad u daħal u okkupa l-imsemmi fond mingħajr ma talab lir-rikorrenti.

**Talbiet tar-rikorrenti**

Għaldaqstant ir-rikorrenti in vista ta' dak kollu fuq premess, titlob li dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha:-

1. Tiddeċiedi skond it-talba bid-dispensa tas-smiegħ tal-kawża a tenur tal-Artikolu 167 tal-Kap 2 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Tordna lill-intimat biex jivvaka mill-fond 35, "Shakespear" Triq Polverista Cospicua fi żmien qasir u

perentorju li jiġi ffissat minn dina l-Onorabbli Qorti bl-għajnuna jekk ikun hemm bżonn tal-uffiċjal tal-Qorti u tal-Pulizija.

Bl-ispejjeż inkluż dak tal-ittra interpellatorja kontra l-intimat li minn issa huwa nġunt għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-attriċi u l-lista tax-xhieda.

Rat illi l-konvenut debitament notifikat naqas li jippreżenta risposta u kwindi huwa kontumaċji skond il-liġi;

Rat illi fil-verbal tas-seduta tat-28 ta’ Ottubru 2011 l-kawża tħalliet għas-sentenza fuq il-kap tal-ispejjeż peress li l-konvenut irritorna ċ-ċwievet tal-fond imsemmi fir-rikors fil-mori tal-kawża;

Ikkunsidrat;

Illi t-talba attriċi għall-ispejjeż hija ġustifikata għaliex sorretta mid-dokumentazzjoni u mill-verbal stess imsemmi. Għalhekk timmerita li tiġi milqugħa.

**Għaldaqstant, il-Qorti tiddeċiedi din il-kawża billi tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-mertu u tikkundanna lill-konvenut iħallas l-ispejjeż tal-kawża.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------